




# It-Tramm fil-Marsa

*Raymond Montebello - President Għaqda Storika Kulturali, Marsa*

L-istorja tat-trasport f'Malta hi mżewqa u interessanti. Il-Maltin minn dejjem raw kif għamlu u mxew qajl qajl mal-progress taż-żminijiet. Fl-għabex tas-seklu 20 fl-Ewropa kienu diġà bdew jiġu ivvintati magni bl-istim u l-inġinerija bdiet tagħmel passi ta' ġgant fl-isfond tar-rivoluzzjoni industrijali. F'dak iż-żmien kull pajjiż ħtieġlu jistinka fil-qasam tat-trasport ħalli ma jistaġnax u jilħaq il-miri tiegħu. Malta li kienet pajjiż b'kolonja Ingliża ġiet ukoll influwenzata minn dan il-progress.

**ID-DEPOT**

Ċerta kittieba Maltin dwar l-istorja tat-trasport f'Malta jonqsu bil-kbir meta ma jagħtux it-tagħrif kollu meħtieġ dwar dan il-qasam u jħallu barra l-lokalità tal-Marsa meta nafu li l-Marsa, kemm bħala port kif ukoll bħala pożizzjoni, kienet il-fus tal-ekonomija ta' Malta. Sfortunatament fejn jidħol it-tramm dawn isemmu biss l-istazzjonijiet ta' matul ir-rotta u ma jsemmux minn fejn kien jingħata dan is-servizz. Għall-fini tal-istorja huwa importanti li niktbuha sew kif għandha tkun.

F'Malta kienet il-kumpanija Macartny & Mclroy li talbet sit alternattiv lill-gvern biex il-pjanijiet tagħha li jkun hemm servizz ta' tramm jista' jiġi fis-seħħ. Jekk kemm-il darba kellu jinstab post addattat kellhom jinbnew Power Station u Depot fejn tkun tista' ssir il-manutenzjoni tal-inġenji u apparat meħtieġ. Il-ħsieb biex dan il-proġett tat-tramm iseħħ kien ilu jberren mill-1901 u sa Diċembru tal-1903 ma kienx hemm sit alternattiv għal dan l-għan. Is-Sur Lorenzo Gatt li kien qiegħed jidher u jinnegozja għall-kumpanija msemmija qal li meta jinstab il-post addattat ikun jista' jibda x-xogħol minnufih. Il-ftehim ta' dan il-proġett ġie finalizzat f'qasir żmien u għal Diċembru 1903 is-sit ġie magħżul f'Xatt il-Mollijiet fil-Marsa biswit il-baħar għall-ħlas ta' 626 lira Ingliża. Dan huwa fejn illum hemm iċ-Ċentru Miftuħ tar-refuġjati. Minn dan il-post il-kumpanija bdiet taħseb kif mill-Marsa se tilħaq il-postijiet ċentrali ta' Malta permezz ta' linji u kurrent, fost l-oħrajn rotta mill-Marsa għall-Belt Valletta u fergħa għall-Hamrun u Birkirkara, u oħra importanti għall-ħaddiema tat-tarzna għall-Kottonera u Raħal Ġdid. Dan it-tip ta' trasport, għalkemm kien għadu ġdid, beda jintuża minn Maltin li kienu ġejjin minn kull qasam tas-soċjetà. Inqdew bih minn professjonisti sa ħaddiema tax-xatt, speċjalment il-ħaddiema tal-faħam li sa kellhom vagun għalihom minħabba l-għabra tan-nugrufun tal-faħam li kien ikollhom fuqhom wara sigħat twal ta' ħidma. Anki l-Qaddis Dun Ġorġ Preca kien juża t-tramm fil-missjoni tiegħu minn raħal għal ieħor u jsemmih meta kien ra l-viżjoni ta' ħdejn is-salib tal-Marsa.

Fl-istess żmien il-kumpanija kienet għamlet ftehim ieħor dwar bini ta' lift għall-Barrakka ta' Fuq. Fid-Depot tat-tramm fil-Marsa kellha tinbena Power Station ta' enerġija elettrika li għal dak iż-żmien kien fenomenu għal Malta u x-xogħol beda f'Ġunju 1904 mill-kuntrattur Malti, is-Sur Carmelo Sammut. Ix-xogħol fuq dan l-impjant kien sorveljat mid-ditta H. J. Jones of Badcock & Wilcox. Din kellha tissupplixxi żewġ *water tubes* li għal dak iż-żmien kienu l-aktar moderni u l-aħħar mudell fis-suq. F'dan il-bini ġew imqiegħda wkoll żewġ ġeneraturi ta' 364 h.p. tad-ditta Allen & Sons of Bredford u *switchboard* tad-ditta Kelvin Jones White Corporation. Minn dan il-bini kienet ħarġet għall-ewwel darba tip ta' enerġija b'dan il-mod.



Tul iż-żmien li t-tramm qeda lill-poplu fil-vjaġġi tiegħu kellu wkoll mumenti ta' problemi, speċjalment b'inċidenti li wħud minnhom kienu fatali. Fost l-agħar inċidenti li jibqgħu jissemmew kien hemm dak li seħħ fin-niżla ta' Għajn Dwieli fejn erba' persuni tilfu ħajjithom u bosta oħrajn sfaw korruti. Dan kien seħħ fl-1 ta' Ottubru 1905. Inċident ieħor kien il-ħabta ta' żewġ vaguni fi Strada Rjali l-Ħamrun fejn il-knisja ta' San Gejtanu li b'xorti tajba ma weġġa' ħadd fih. Kien hemm vittmi oħra li ntlaqtu mit-tramm meta kienu jaqsmu minn fuq il-linji tiegħu waqt li għaddej, speċjalment minn karettuni miġbudin bil-bhejjem. Każ simili li kien fatali seħħ il-Marsa meta ċertu Carmelo Spiteri mill-Ħamrun li kien qiegħed isuq karozzin ġie mtajjar mit-tramm u waqa' f'ħondoq ta' xi erba' metri u wara miet fit-2 ta' Awwissu 1905. Każ ieħor seħħ fid-19 ta' Lulju 1920 f'Xatt il-Mollijiet fil-Marsa qrib it-triq tal-biċċerija meta Katerina Debono qabżet bit-tarbija tagħha mit-tramm li spiċċa bla brejkijiet u mietet. Minbarra dawn l-inċidenti fatali kien hemm oħrajn ftit differenti, bħal meta passiġġieri ma kinux iridu jħallsu n-noll u kienu jiġu fl-idejn mal-uffiċjali tat-tramm. Każi oħra kienu fuq ir-rotta ta' bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ fejn it-tramm kien jiġi ssuttat bil-ġebel, speċjalment minn tfal, bil-konsegwenza li ġieli tkisser xi ħġieġ tal-vaguni kif ukoll il-makkinarju. Agħar minn hekk ġieli ntlaqtu xi passiġġieri u f'każ partikolari kien intlaqat tifel ta' tliet snin. Ostaklu ieħor li l-kumpanija kienet issib ma' wiċċha, speċjalment fl-istess rotta Qormi-Żebbuġ, kien it-tfigħ ta' ġebel imdaqqas fuq il-linji tat-tramm biex jiġi ostakolat il-vjaġġ. Nifhmu li t-tramm kien qatel kważi għalkollox ix-xogħol tal-karozzini u, għalkemm ma kienx hemm evidenza, id-dubji kienu hemm. Kien żmien meta l-pulizija kellhom imorru jagħmlu r-ronda kuljum billejl minħabba dawn l-atti vandali. Minn din l-istess rotta, li nistgħu ngħidu li għall-kumpanija kienet saħta, kien insteraq mal-106 piedi ta' linji tal-elettriku tar-ramm u b'hekk din it-triq ġiet imwaqqfa ħesrem. Dan seħħ fi Frar tal-1912 u darba oħra, f'April tal-istess sena, mill-istess rotta kienu nsterqu mal-460 pied ta' linji tar-ramm. Ma' dawn it-tlajja' u l-inżul fl-istorja tat-tramm f'Malta, flimkien mal-kompetizzjoni tat-trasport permezz tal-ferrovija u l-karozzi tal-linja li bdew deħlin, il-kumpanija xoljiet fil-15 ta' Diċembru 1929.

## IL-BAĦAR TAL-MISĦUN

Il-post sar magħruf bħala d-Depot tat-Tramm fil-Marsa u l-kanal tal-wied fejn jitħallat mal-baħar bdew isejħulu l-Baħar tal-Misħun. Dan għaliex il-magna mħaddma bl-istim kienet titfa' duħħan abjad li fil-verità kien fwar abjad qisu duħħan jagħli, u għalhekk il-popolin laqqmu l-lok bħala l-Baħar tal-Misħun. Ma ninsewx li waqt ix-xogħol ta' dan il-bini, fuq il-lok kienu nstabu fdalijiet ta' port Ruman bil-mollijiet u ġiebja mdaqqsa. Sfortunatament dan kellu jċedi postu lill-maħżen tat-tramm għax il-progress jibqa' għaddej bla ma jħares lejn xejn. Din is-sejba tagħti prova kemm il-Marsa tal-imgħoddi u fil-preżent kienet prijorità fit-trasport f'Malta kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

## L-INAWGURAZZJONI

Kien nhar it-23 ta' Frar 1905 għal xil-4.00pm meta l-bini u t-tramm ġew inawgurati. Kienet xena li qatt ma dehret bħala fil-Marsa għal dawk iż-żminijiet meta diversi nies prominenti fis-soċjetà Maltija kienu mistiedna għal din l-okkażjoni. Fost il-mistiedna ġew il-Gvernatur Lt. Ġeneral Charles Mansfield u s-Sinjura tiegħu Lady Mansfield Clarck flimkien mal-Isqof Monsinjur Pietro Pace. Il-vaguni tat-tramm ġew imżejna għall-okkażjoni bil-palm u l-bnadar, u ġie mżejjen ukoll il-bini li kien jilqa' fih mas-sittax-il vagun. Wara d-diskorsi, il-mistednin telgħu fit-tliet trammijiet biex ħaduhom il-Belt. L-ewwel tramm ġie misjuq mis-Sur M. D. Jeffes. Tul Triq is-Salib tal-Marsa u l-Bombi kien hemm folol ta' nies isegwu l-avveniment. Il-Ħadd ta' wara tant kien hemm nies fit-trammijiet lejn il-Marsa li kellha tissejjaħ il-kavallerija. Il-biljett mill-Belt għall-istazzjon tal-Marsa kien żewġ soldi u mill-Marsa sa Raħal Ġdid kien sold. Fl-1909 il-kumpanija applikat għal iktar art fil-Marsa ħdejn l-istazzjon biex tpoġġi l-arbli u materjal ieħor.

## IL-ĦIDMA U L-INĊIDENTI